## Mistoqsijiet għall-Analiżi tal-Ikel – dokument  elettroniku

L-Analiżi tinqasam fi tliet sezzjonijiet, skont il-post li minnu se tinġabar l-informazzjoni – il-*canteen* tal-iskola, it-*tuck shop/vending machine* u l-familji fid-dar.

Il-mistoqsijiet se jolqtu t-topiks kollha ta' 'Ikel b'Responsabbiltà' (l-ikel lokali u staġjonali, l-agrobijodiversità, il-ħela ta' ikel, l-ikel ipproċessat u ż-żejt tal-palm, il-mezzi ta' produzzjoni tal-ikel - jekk huwiex organiku, tal-kummerċ ġust, eċċ.).

Il-mistoqsijiet huma mfasslin biex ikopru l-informazzjoni bażika kollha dwar l-ikel b'responsabbiltà kemm fl-iskola kif ukoll fid-dar. Jekk hemm xi punt speċifiku fl-iskola li għandu x'jaqsam mal-konsum responsabbli tal-ikel, tiddejjaqx iżżid mistoqsijiet oħra li taħseb li se jgħinuk fit-tweġibiet u fis-soluzzjoni tal-problema li qed tara.

**Il-mistoqsijiet dwar il-*canteen* tal-iskola** jinqasmu fi tnejn: dawk li jeħtieġu tweġiba - obbligatorji, u dawk li tweġibhom jekk trid.  L-għanijiet tal-mistoqsijiet obbligatorji huma li jagħtuk informazzjoni ġenerali fuq il-ħidma li ssir l-iskola fejn jidħol il-konsum responsabbli tal-ikel. Wara li twieġeb il-mistoqsijiet obbligatorji, agħżel minn fost il-mistoqsijiet li mhumiex obbligatorji li għandhom konnessjoni mat-topik li għażilt.

**Il-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja fid-dar** qegħdin fis-sezzjoni tal-kwestjonarju 'X'tiekol id-dar...' Tkun ħaġa tajba li dan il-kwestjonarju jitqassam lil kemm jista' jkun djar possibbli.

Bħala parti minn dan is-sett tal-Analiżi tal-Ikel, hemm spjegazzjoni biex tgħin lill-istudenti kif jevalwaw il-kwestjonarji.